Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 31/2006/1

**Joseph Angilleri, Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace,**
**Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Generali kontra sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2008 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali u "Konvenzjonali" li permezz taghha ddikjarat li bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-26 ta' April 2006 li kienet iddikjarat dezert l-appell ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro, u bid-decizjoni sussegwenti tat-3 ta' Mejju 2006 ta' dik l-istess Qorti li cahdet it-talba ghar-riappuntament tal-appell, kien gie lez id-dritt ta' l-imsemmija Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi, Frank Xerri De Caro u ta' Joseph Angilleri ghal smiegh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39(1)(6)(c)(d) u l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, u pprovdiet rimedju.

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza johorgu cari kemm mir-rikors promotorju, presentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 2006, kif ukoll mill-provi migjuba quddiem l-imsemmija Prim Awla, provi konsistenti esklussivament f'kopja legali tal-atti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Bhala fatt jirrizulta illi r-rikorrenti msemmija fil-paragrafu precedenti, inkluz Joseph Angilleri – illum kollha appellati fil-proceduri kostituzzjonali odjerni – kienu tressqu b'att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzati talli, fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rappresentanti guridici tas-socjeta` Gozo Channel Co. Ltd u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi kollha sas-7 ta' Frar 2005 ammontanti ghal Lm9,999.87 lil ex-impjegata tas-socjeta` Dulcima Aquilina fi tmiem l-impieg taghha; il-Qorti Inferjuri kienet mitluba tordna lill-imsemmija akkuzati li huma jhallsu, fil-kwalita` taghhom premessa, l-imsemmija somma lil din Aquilina. Matul il-proceduri quddiem il-Qorti Inferjuri deher biss Joseph Angilleri, u dan, kif jammettu l-istess appellati odjerni fir-rikors promotorju taghhom tal-10 ta' Mejju 2006, in vista ta' prassi li jidher li kienet qed tigi adoperata mill-Qorti tal-

Magistrati li meta jkun hemm diversi nies imharrka in rappresenanza ta' socjeta`, jidher wiehed minnhom biss (f'dan il-kaz, kif inghad, deher Joseph Angilleri). In fatti il-verbal ta' l-unika seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati – dik tal-20 ta' Frar 2006 (ara fol. 22 tal-atti) – ighid hekk:

**"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur J. Hersey u Dr Joseph Bonello ghall-Prosekuzzjoni. Deher l-akkuzat assistit minn Dr Simon Micallef Stafrace li qed jassumi r-responsabbilta` ta' l-atti. Deher Dr A. Mifsud Bonnici ghall-parte civili presenti in Awla."** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali)

**3.** F'dik l-udjenza tal-20 ta' Frar 2006 instemghu il-provi, saret it-trattazzjoni, u l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza. Fis-sentenza taghha (ara fol. 57) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-akkuzati kollha – u mhux lil Joseph Angilleri biss – hatja. Il-parti operattiva tas-sentenza (ara fol. 59) tghid hekk:

**"Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tikkundannahom ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elf lira maltin (Lm1,000.00)[1].**

**"Inoltre din il-Qorti qiegheda wkoll tordna hlas ta' disat elef, disa' mija, dsatax-il lira, u sebgha u tmenin centezmu (Lm9,919.87), bhala pagi kollha dovuti sas-7 ta' Frar 2005, lill-imsemmija ex impjegata tas-Socjeta` Gozo Channel Company Limited, u dan ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta."**

**4.** Minnufih kif inqrat is-sentenza, Joseph Angilleri talab u ottjena s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-

[1] Din il-Qorti tosserva li l-Qorti tal-Magistrati ma stabbilietx jekk il-multa kienitx qed tigi inflitta ghal kull wiehed mill-imputati hekk misjuba hatja – cioe` elf lira kull wiehed – jew jekk kienitx piena inflitta kollettivament fuqhom, haga li mhux biss mhux possibbli skond il-Kodici Kriminali, ghax ma hemmx solidarjeta` fil-hlas ta' multi jew ammendi, izda, jekk hu hekk, cioe` jekk din hija piena kollettiva, din *prima facie* tmur anke kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 36(3)(a) tal-Kostituzzjoni dwar pieni kollettivi!

fini ta’ appell – ara fol. 60 tal-atti. Huwa, flimkien mal-imputati l-ohra kollha hekk misjuba hatja, appella ghal quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’rikors prezentat fit-28 ta’ Frar 2006. Id-disa’ appellanti ressqu, in essenza, zewg aggravji (ara fol. 65 u 66 tal-atti): l-ewwel wiehed li l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet apprezzament hazin tal-provi, bit-tieni aggravju jkun li l-piena kienet esagerata. Huma talbu lill-Qorti Superjuri thassar is-sentenza appellata u tilliberahom, jew, alternattivament tibdel il-piena inflitta “ghal wahda aktar ragjonevoli fic-cirkostanzi”.

**5.** Fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (tat-22 ta’ Marzu 2006 – ara. fol. 93) bdew il-kumplikazzjonijiet. F’din l-udjenza rega’ deher biss l-appellant Angilleri, din id-darba assistit kemm mill-Avukat Dott. Simon Micallef Stafrace kif ukoll mill-Avukat Dott. Andrew Borg Cardona. L-Avukat Dott. Andrew Borg Cardona, f’isem l-appellanti kollha (u ghalhekk anke f’isem Angilleri), “ressaq eccezzjoni ta’ nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti billi dawn tmexxew u s-sentenza nghatat fl-assenza tal-akkuzati kollha hlief Joseph Angilleri[2]”. Din l-eccezzjoni nghatat minkejja li ma ngabitx bhala aggravju fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, minkejja li quddiem il-Qorti Inferjuri Angilleri kien espressament assuma “ir-responsabbilta` tal-atti” (espressjoni li ma tistax hlief tiftiehem bhala li kien qed jidher ukoll a nom tal-imputati l-ohrajn), u minkejja li f’parti mir-rikors promotorju ta’ dawn il-proceduri kostituzzjonali r-rikorrenti, illum appellati, jidher li qed japprovaw il-“prassi” li tidher persuna wahda biss flok il-membri kollha tal-bord ta’ diretturi jew impjegati manigerjali fejn si tratta ta’ kumpannija[3]. Kuntrarjament ukoll ghal dak li jghidu r-rikorrenti fir-rikors promotorju tal-10 ta’ Mejju 2006, u cioe` li kien l-Avukat Generali li l-ewwel hareg bit-talba ghad-deserzjoni u huma “rreagixxew” billi qajjmu l-kwistjoni tan-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti Inferjuri, il-verbal tat-22 ta’

[2] Fil-proceduri penali il-kunjom hu dejjem migjub bhala Angileri; f’dawn il-proceduri kostituzzjonali l-kunjom ingieb, anke fir-rikors promotorju, bhala Angilleri – dettal zghir li din il-Qorti taghmilha cara ma ghandu u ma jista’ jkollu ebda konsegwenza stante li ma hemm ebda kwistjoni dwar l-identita` tal-persuna.

[3] Ara s-sitt paragrafu tar-rikors promotorju.

Marzu 2006 juri li l-affarijiet avveraw ruhhom bil-kontra: kienu l-appellanti li l-ewwel eccepew, kif inghad, in-nullita` ta' dawk il-proceduri, u kien biss b'reazzjoni ghal din il-manuvra li l-Avukat tal-prosekuzzjoni, l-Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell, f'isem l-Avukat Generali issolleva (i) l-invalidita` tar-rikors tal-appell hlief ghar-rigward ta' Angilleri billi kien hu biss li kien talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, u (ii) talab ukoll id-deserzjoni tar-rikors tal-appell in kwantu jirreferi ghall-appellanti li ma kienu deheru f'dik l-udjenza.

**6.** Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali halliet il-kawza ghal decizjoni "dwar l-istess punti" ghas-26 ta' April 2006 (ara fol. 93). Fis-26 ta' April 2006 dik il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat l-appell dezert fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stepehn Mercieca, Marion Pace Axiak[4], Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro; u iddifferiet l-appell ta' Joseph Angilleri ghat-12 ta' Mejju 2006. Fit-28 ta' April 2006 l-appellanti li l-appell taghhom gie hekk dikjarat dezert ipprezentaw rikors fit-termini tat-tieni parti tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 422 li permezz tieghu talbu r-riappuntament mill-gdid tal-appell taghhom. B'digriet tat-3 ta' Mejju 2006, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali cahdet it-talba ghar-ripappuntament. Fid-digriet taghha dik il-Qorti qalet li r-raguni migjuba mir-rikorrenti fir-rikors u fid-dikjarazzjonijiet guramentati annessi mieghu ghala ma kienux attendew ghall-ewwel udjenza quddiemha – u cioe` li huma kienu gew moghtija x'jifhmu li ma kellhomx ghalfejn jattendu peress li kien ser jattendi ghalihom Joseph Angilleri u li fl-appell kienet ser tigi segwita l-prassi adoperata quddiem il-Qorti Inferjuri li jidher dan biss – ma kienitx "raguni indipendenti mill-volonta` taghhom" kif irid l-Artikolu 422(1) ghalbiex l-appell jista' jerga' jitqieghed ghas-smiegh. In segwitu gie presentat (fl-10 ta' Mejju 2006) ir-rikors promotorju ta' din il-kawza kostituzzjonali, u l-proceduri penali quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali jinsabu jistennew l-ezitu finali tal-proceduri odjerni.

---

[4] Anke din fil-proceduri penali hi indikata bhala Pace Axiak, mentri fil-proceduri odjerni kostituzzjonali l-kunjom hu migjub bhala Pace Axiaq.

**7.** F’dan ir-rikors tal-10 ta’ Mejju 2006 r-rikorrenti, fit-tielet u t-tieni paragrafi mill-ahhar, jikkontendu – ghallanqas hekk qed tifhem din il-Qorti, ghax il-lokuzzjoni adoperata ma hix mill-ahjar – li gie vjolat id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq kemm minhabba l-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nghatat fl-assenza taghhom, kif ukoll minhabba l-fatt li l-appell taghhom gie dikjarat dezert. Huma ghalhekk talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili “thassar, tannulla u b’kull mod spettanti ghaliha tirrendi minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ghaliha saret referenza jew fl-alternattiv tidderigi lill-Qorti tal-Appell biex takkorda lir-rikorrenti (hlief ovvjament Joseph Angilleri) l-fakolta` li jassumu l-kwalita` ta’ appellanti quddiem l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali flimkien ma’ Joseph Angilleri u dan sabiex l-appell fl-intier tieghu, inkluz il-punt ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq, jigi trattat u deciz” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

**Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta’ l-Avukat Generali**

**8.** Fir-risposta taghhom tad-19 ta’ Mejju 2006, l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali eccepew, in sostanza, hekk:

(a) Preliminarjament illi l-Prim Awla kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti peress illi huma kellhom rimedju xieraq ghall-lamentela ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, konsistenti dan ir-rimedju proprju fl-appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, liema rimedju, pero`, huma ma gharfux jutilizzawh sew billi naqsu milli jidhru quddiem din l-ahhar imsemmija Qorti u ghalhekk l-appell taghhom (hlief ghal ta’ Angilleri) gie dikjarat dezert.
(b) Preliminarjament illi r-rikorrenti, hlief ghal Joseph Angilleri, ma jistghux juzaw il-procedura kostituzzjonali biex “jappellaw” mid-digriet ta’ dezerzjoni.
(c) Preliminarjament illi Joseph Angilleri m’ghandux interess guridiku li jibda proceduri u jressaq talba ghal dikjarazzjoni li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu lezivi tad-drittijiet tieghu, ghax hu kien prezenti

quddiem dik il-Qorti Inferjuri u ma jistax "ibill subghajh u jiggwadanja mis-sitwazzjoni f'kaz li r-rikorrenti l-ohra igibuha zewg".
(d) Fil-meritu huma jikkontendu li ma kien hemm ebda lezjoni, f'ebda stadju, tad-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq, u cioe` la quddeim il-Qorti tal-Magistrati u lanqas quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**Is-sentenza tal-ewwel grad**

**9.** Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2008, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ccitat diversi sentenzi li din il-Qorti ma tarax li hemm bzonn li ssir referenza ghalihom, qalet hekk:

"Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li bil-mod kif giet interpretta l-assenza tar-rikorrenti appellanti fil-Qorti ta' l-Appell minkejja l-presenza tal-avukat taghhom kien ghal kollox differenti mil-mod kif giet konsiderata l-assenza taghhom fil-prim'istanza, b'dan li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 422 tal-Kap 9** l-istess rikorrenti appellanti assenti ma nghatawx l-opportunita` li l-appell taghhom jigi trattat fuq il-mertu, u dan inkluz l-aggravju mressaq minnhom dwar in-nullita` tal-proceduri fil-prim'istanza, imqajjem mill-abbli difensuri taghhom bhala eccezzjoni ta' nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u dan kif verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, u dan meta jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess rikorrenti appellanti kollha kemm huma kellhom l-intenzjoni li jappellaw mill-istess sentenza, kien fl-istadju ta' l-appell debitament rappresentati mid-difensuri taghhom li kienu lesti li jittrattaw, u wkoll ma telghux ghall-appell *stante* li l-proceduri sa dak in-nhar kontra taghhom, dejjem tmexxew bl-akwixxenza ta' kulhadd fl-assenza taghhom, u allura jirrizulta li huma fehmu li l-attendenza taghhom ma kenitx necessarja, aktar u aktar meta sa dak in-nhar dan deher li dejjem kien il-kaz, u wkoll tenut kont li huma kienu mharrka minhabba l-allegata posizzjoni li huma kienu jokkupaw fis-socjeta` Gozo Channel Company Limited, li fuq kollox kienet l-entita` li allegatament ma hallsitx lill-impjegata taghha. Dan huwa iktar sinifikattiv meta tikkonsidra li kontra l-imputati kollha kien hemm biss fil-

prim'istanza procedura wahda, u fil-fatt sar appell, wiehed, u l-procedura kienet unika ghall-istess rikorrenti u appellanti kollha u fil-fatt sar appell uniku.

"Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fil-konfront tal-istess rikorrenti, partikolarment fil-konfront ta' dawk li l-appell gie ddikjarat dezert b'decizjoni tas-26 ta' April 2006 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, u bid-decizjoni tal-istess Qorti datata 3 ta' Mejju 2006 abbazi tal-artikolu 422(1) tal-Kap 9, u ghalhekk din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess zewg decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u tordna li fil-konfront tal-appellanti jitkompla jinstema' l-appell fuq il-mertu u dan kemm dwar l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom u kif ukoll dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti kollha dwar in-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-prim'istanza kif ecceppiet mill-istess appellanti fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, b'dan ghalhekk li l-appell fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro jigi appuntat biex jinstema' flimkien ma' l-appell ta' Joseph Angilleri, anke peress li l-istess huwa appell uniku u wiehed, u ghalhekk l-istess rikorrenti hawn appena ndikati ghandhom jigu mharrka sabiex jidhru ghall-istess appell li ghandu jissokta bil-mod kif inghad fil-konfront tal-appellanti kollha u ghandu jigi trattat fil-mertu kif premess.

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss fis-sens li tiddikjara li kif hawn deciz** kien hemm lezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-Bniedem u ksur tal-**artikolu 39(1)(6)(c) u (d) u l-paragrafu ahhari tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan meta l-appell kriminali fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro gie ddikjarat dezert b'decizjoni tas-26 ta' April 2006 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, u meta bid-decizjoni tal-istess Qorti

datata 3 ta' Mejju 2006 abbazi tal-artikolu 422(1) tal-Kap 9 giet michuda t-talba tal-istess rikorrenti sabiex jigi ri-appuntat l-istess appell skond it-termini tar-rikorsi rispettivi taghhom datati 28 ta' April 2006 u ghalhekk din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess zewg decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u tordna li fil-konfront tal-appellanti jitkompla jinstema' l-appell taghhom kemm fuq il-mertu konsistenti fl-aggravji kollha taghhom mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom u kif ukoll dwar l-aggravji imressqa mill-appellanti kollha dwar in-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-prim'istanza kif eccepit mill-istess appellanti quddiem l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, b'dan ghalhekk li l-appell fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro jigi appuntat jew ri-appuntat biex jinstema' flimkien mal-appell ta' Joseph Angilleri, anke peress li l-istess huwa appell uniku u wiehed, u ghalhekk l-istess rikorrenti hawn appena ndikati ghandhom jigu mharrka sabiex jidhru ghas-smigh tal-istess appell li ghandu jissokta bil-mod kif inghad fil-konfront tal-appellanti kollha u ghandu jigi trattat fil-mertu kif premess.

"Bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**<u>L-appell</u>**

**10.** Minn din is-sentenza appellaw il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali. Huma bazikament jirrepetu l-argumenti mressqa kemm fir-risposta originali taghhom tad-19 ta' Mejju 2006 kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tat-18 ta' Gunju 2007 (fol. 159). Jippuntwalizzaw in partikolari li fir-rigward tal-appellat Joseph Angilleri, l-ewwel Qorti ma setghetx titratta mieghu bl-istess mod kif ittrattat mar-rikorrenti (illum appellati) l-ohra u dan peress li jonqos fir-rigward tieghu l-istatus ta' vittma, billi hu <u>kien prezenti</u> quddiem il-Qorti tal-Magistrati u d-dezerzjoni dekretata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kienitx ser taffetwa l-appell tieghu. L-appellanti ghalhekk

talbu r-revoka tas-sentenza tal-Prim Awla tad-29 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet premessi u li t-talbiet tar-rikorrenti Joseph Angilleri et jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom. L-appellati ma pprezentawx risposta, izda d-difensuri taghhom dehru fid-diversi udjenzi u ttrattaw l-appell.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**11.** Din il-Qorti tibda biex tghid li l-appellati (rikorrenti quddiem il-Prim Awla) qed jiehdu posizzjoni alkwantu kontradittorja fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati li wasslu ghas-sentenza tal-20 ta' Frar 2006: jew huma ma nghatwax smiegh xieraq quddiem dik il-Qorti tal-Magistrati minhabba li ma kienux prezenti – u allura, meta appellaw, kien messhom ressqu dan il-fatt bhala aggravju specifiku[5] u deheru quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif trid il-ligi[6] – jew huma ma kienux prezenti deliberatament u volutament quddiem dik il-Qorti Inferjuri ghax gew infurmati li ma kienx hemm ghalfejn jidhru u accettaw li jimxu hekk, bil-konsegwenza li meta gew moghtija x'jifhmu li jistghu jimxu hekk ukoll quddiem il-Qorti Superjuri gew rinfaccjati bid-dezerzjoni tal-appell taghhom. Fi kliem iehor, jekk il-bazi tal-ilment taghhom hi – kif tidher kjarament li hi – li "l-istat" biddel, biex wiehed jghid hekk, "il-posizzjoni" tieghu (ghal dik li hi l-presenza tal-imputat fil-qorti) minn qorti ghal ohra u ssorprendihom b'mod li cahhadhom minn smiegh xieraq, huma ma jistghux jallegaw, kif ghamlu fir-rikors promotorju, li kien hemm nuqqas ta' smiegh xieraq ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati. In fatti mill-provi jirrizulta ampjament li r-rikorrenti kollha, ad eccezzjoni ta' Angilleri, ghazlu minn rajhom li ma jidhrux quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li jhallu jidher ghalihom lil Angilleri. Dan jirrizulta mhux biss mid-dikjarazzjoni li ghamel l-istess Angilleri quddiem il-Qorti Inferjuri, riprodotta fil-paragrafu **2** *supra* tas-sentenza odjerna, izda wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata li kull wiehed mill-appellati l-ohra ghamel quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali flimkien mar-rikors bit-talba ghar-riappuntament tal-appell li kien gie dikjarat dezert. F'dawn

[5] Kif rajna, ma qajmu assolutament ebda aggravju f'dan is-sens fir-rikors tal-appell taghhom.
[6] Artikolu 422(1) tal-Kodici Kriminali.

id-dikjarazzjonijiet guramentati jinghad car u tond hekk: **"Jien ma attendejtx quddiem l-Onor. Qorti tal-Magistrati peress illi kont infurmat illi ma hemmx ghalfejn nattendi minhabba li kien ser jattendi Joseph Angilleri u li din kienet prassi normali. Fl-ebda hin waqt is-smiegh tal-kaz jew ghas-sentenza ma kont fil-Qorti. Meta nghatat sentenza kontra s-sur Angileri naf illi sar appell izda assumejt li l-procedura kienet ser tkun kif kienet sa dak il-hin, cioe` illi jiehu hsieb u jattendi l-istess Angileri…"**. Ma hemmx dubju li l-procedura li giet addottata – l-hekk imsejha "prassi" – kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-prosekuzzjoni quddiem dik il-qorti kienet zbaljata. Meta l-imputati (hlief ghal Angilleri) ma deherux, il-Qorti kellha, jekk dawn kienu gew debitament notifikati, issibhom hatja ta' disprezz u tordna li jingiebu b'mandat ta' akkumpanjament jew ta' arrest; u jekk ma kienux gew debitament notifikati, tiddifferixxi sabiex jigu hekk notifikati. Ghalkemm l-ahhar parti tas-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tghid li "hlief bil-kunsens tieghu stess il-proceduri [kontra persuna akkuzata b'reat kriminali] ma jistghux jinzammu fl-assenza tieghu…", il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem taw interpretazzjoni restrittiva ghal din il-possibilita` ta' "ghazla" jew "ghoti ta' kunsens" da parti tal-imputat, u dan peress illi fi proceduri kriminali l-presenza fizika tal-imputat jew akkuzat hija hafna drabi essenzjali ghall-istess andament tal-kawza – bizzejjed wiehed isemmi l-htiega li xhud jaghraf lill-imputat jew akkuzat bhala l-persuna li ghamlet jew naqset milli taghmel xi haga. Ir-regola, ghalhekk, fil-procedura penali taghna hi li l-imputat irid jidher personalment (Art. 375(a), Kap. 9) quddiem il-Qorti Inferjuri, bhalma anke l-appellant (izda mhux l-appellat) irid jidher personalment quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u li l-proceduri kollha jsiru fil-presenza tieghu, u l-eccezzjonijiet ghal dan huma ftit (hekk, ara, l-Artikoli 374(b), 375(b), 402(7), 405(4) u 524 tal-Kap. 9). Anke il-gurisprudenza, fis-sens li sentenzi li jinghataw fl-assenza tal-imputat u l-proceduri li jkunu pprocedewhom huma nulli[7], hija ispirata min-necessita` li jkun hemm smiegh

[7] Ara, per ezempju, **Il-Pulizija v. Sharon Zammit u Philip Zammit kontestwalment** Qorti ta' l-Appell Kriminali, 7 ta' Settembru 1994; **Il-Pulizija v. Saviour Spiteri** Qorti

xieraq fl-interess tal-imputat. Isegwi, ghalhekk, li meta l-imputat deliberatament u volutament jirrinunzja ghall-presenza tieghu fl-awla ghax ihoss li jkun sufficjentement rapprezentat minn haddiehor, il-fatt li l-Qorti ma tkunx imxiet strettament mad-dettami tal-ligi procedurali u tkun tat sentenza fl-assenza tieghu, la jgib mieghu nuqqas ta' smiegh xieraq u anqas ma ghandu jwassal ghal dikjarazzjoni li s-sentenza u l-proceduri li pprecedewha huma nulli u inezistenti. Ghalhekk certament l-ewwel talba tar-rikorrenti appellati, u cioe` li l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali "thassar, tannulla u b'kull mod spettanti ghaliha tirrendi minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati" tal-20 ta' Frar 2006 ma kellhiex tintlaqa'. In effetti l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ma jidhirx li esprimiet ruhha espressament dwar din it-talba; fid-*decide* semplicement injoratha.

**12.** Kemm l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jaghtu dritt ta' access ghal qorti. Kif gie ritenut:

**"The right of access to court is not absolute however but subject to limitations. By its very nature, the [Strasbourg] Court has said, it calls for regulation by the State which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and individuals. The State has a margin of appreciation in making such regulations but the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way as or to such an extent that the very essence of the right is impaired. In addition a limitation will not be compatible with Art. 6 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved." [8]**

---

ta' l-Appell Kriminali, 25 ta' Awwissu 1995; **Il-Pulizija v. Carmelina Braddick Southgate** Qorti ta' l-Appell Kriminali, 19 ta' Mejju 1997.

[8] Reid, K. **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London), 2004, pp. 75-76, para. IIA-020.

**“The right of access to court is not absolute: it is open to states to impose restrcitions on would-be litigants, so long as these restrictions pursue a legitimate aim and are not so wide-ranging as to destroy the very essence of the right…The right of access to court has a more limited application in the criminal sphere. There is no right under Article 6 to have criminal proceedings brought against a suspected offender, for example, and no right as such to an appeal. Where, however, an appeal procedure is provided by domestic law, it must comply with Article 6 and access to it must not be blocked disproportionately or unfairly.”** [9]

**13.** Fil-fehma tal-Qorti, ma jistax ikun hemm dubju li l-htiega li persuna, li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja, qabel ma tappella titlob u tikseb is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija kontra taghha, hija regola procedurali sana u b’ghan legittimu – jekk is-sentenza tilhaq tigi ezegwita fiz-zmien moghti ghall-prezentata tal-appell il-kumplikazzjonijiet jistghu jkunu serji hafna; u ghalhekk jekk tali sospensjoni ma tintalabx, il-gurispredenza gustament irriteniet li dik il-persuna tkun akwejixxiet fis-sentenza u ghalhekk l-appell ikun irritu u null[10]. Anke d-disposizzjoni li tezigi li l-appellant jidher quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, u li jekk ma jidhirx, l-appell jitqies dezert, ghandha ghan legittimu u hi proporzjonata – apparti li jekk ikun appell minn kawza sommarja, spiss il-provi jkollhom jergghu jinstemghu mill-Qorti Superjuri u ghalhekk tista’ tqum il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-appellant, il-regola li tezigi li l-appellant jidher tassigura li l-appellant verament kellu u ghad ghandu interess fl-appell. F’kaz li l-appellant ma jidhirx minhabba mard jew ghal xi raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu, hemm ir-rimedju tar-riappuntament wara rikors u dikjarzzjoni guramentata skond it-tieni parti

[9] Ovey, C. and White R.C.A. **Jacobs & White: The European Convention on Human Rights** OUP, 2006, pp. 170, 173-174.

[10] Fil-kaz ta’ persuni li, meta tinghata sentenza kontra taghhom, ikunu taht arrest preventiv japplikaw regoli ftit differenti – ara s-subartikoli (3) u (3A) tal-Artikolu 416 tal-Kap. 9.

tal-Artikolu 422(1) gja msemmi. U jekk l-appellant ma jkunx jista' jidher minhabba xi impenn pressanti iehor, hemm dejjem ir-rimedju li, permezz ta' rikors, jitlob differiment.

**14.** Fil-kaz in dizamina, pero`, gara li, kuntrarjament ghal dak li tezigi l-ligi, l-Istat, permezz tal-Qorti Inferjuri u tal-prosekuzzjoni, ippermetta u akwijexxa filli, flok jidhru l-imputati kollha kif suppost, jidher wiehed minnhom biss. Meta nghatat is-sentenza, kien biss Angilleri li kien prezenti fl-awla u ghalhekk il-formola ghat-talba u l-kisba tas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza – li timtela mid-deputat registratur – imtliet daqslikieku kien hu biss li kien qed jaghmel tali talba. Meta l-imputati l-ohra, flimkien ma' Angilleri, appellaw fiz-zmien moghti mill-ligi u, bhalma kien qed isir quddiem il-Qorti Inferjuri, ghall-udjenza quddiem il-Qorti Superjuri deher Angilleri biss, il-prosekuzzjoni mhux biss eccepiet id-dezerzjoni tal-appell fil-konfront tal-appellanti li ma kienux deheru izda wkoll eccepiet li l-appell in kwantu jirrigwarda lilhom kien null "billi ma ntalbitx sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza u ma nghatatx garanzija kif irid l-Artikolu 416 tal-Kodici Kriminali" (ara l-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Marzu 2006 quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fol. 92 tal-atti ta' din il-kawza). Huwa minnu li dawn l-eccezzjonijiet inghataw wara li wiehed mill-avukati difensuri tal-appellanti pprova jiehu vantagg tattiku u indebitu mill-assenza ta' dawk l-imputati li ma kienux deheru (ghax hekk kienu ftehmu li jaghmlu u hekk riedu) quddiem il-Qorti tal-Magistrati, pero` din il-Qorti kienet tistenna li l-prosekuzzjoni timxi b'aktar oggettivita` f'kaz bhal dan u li tkun hi stess li tassigura – kompatibbilment kemm mad-dritt procedurali penali kif ukoll ma' dak li tezigi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni in tema ta' access ghal qorti – li l-appellanti kollha, galadarba li kienu gew sgwidati mill-istess Stat, ma jitilfux issa d-dritt ghal smiegh xieraq tal-appell taghhom. Huwa proprju f'dan li din il-Qorti tirravviza lezjoni kemm tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni: kien hemm element ta' "unfairness" meta l-Istat l-ewwel ippermetta u akwijexxa fi procedura u wara pprova jirripudja l-istess procedura b'mod li jcahhad lill-appellanti (ad eccezzjoni ta' Angilleri) mid-dritt ta' appell

taghhom. Fi kliem iehor, huwa l-mod kif id-disposizzjoni tal-Artikolu 422(1) giet applikata fil-kaz odjern, u tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-istess kaz, li jwassal ghal lezjoni tal-Artikoli 39(1) u 6(1) msemmija.

**15.** Din il-Qorti, pero`, taqbel perfettament ma' l-Avukat Generali li Angilleri ma sofra ebda lezjoni ta' dritt, u li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta li tilqa' t-talbiet (proprjament it-tieni talba, ghax, kif rajna, ma jinghad espressament xejn fid-*decide* dwar l-ewwel talba) anke fil-konfront tieghu. Fil-konfront tieghu it-talbiet kellhom jigu rigettati. Jinghad ukoll li din il-Qorti ma tistax tifhem kif jidhlu f'din l-affari kollha l-paragrafi (c) u (d) tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, ukoll imsemmija fid-*decide* tas-sentenza appellata. Kif inghad l-appellanti (inkluzi dawk li ma kienux presenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati) qatt ma gew imcahhda minn xi haga msemmija f'dawn il-paragrafi. Is-semplici fatt li dawn il-paragrafi ssemmew fir-rikors promotorju ma jfissirx li kienu relevanti u li allura kellhom jissemmew ukoll fid-*decide*.

**16.** Ghalhekk hemm lok ta' riforma fis-sentenza appellata. Pero`, peress li d-*decide* (ara l-paragrafu **9**, *supra*, tas-sentenza odjerna) hu redatt b'mod li jaghmilha difficli li wiehed jispigola bi precizjoni dak li ghandu jigi konfermat u dak li ghandu jigi revokat, ikun opprtun li d-*decide* kollu jigi sostitwit. Il-Qorti tippreciza wkoll li peress li l-problema kollha nqalghet u giet precipitata mill-istess appellati odjerni meta dawn (bhala appellanti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) ippruvaw jiehdu vantagg indebitu billi jeccepixxu n-nullita` tas-sentenza tal-ewwel qorti, kif fuq spjegat, ikun sew li huma jbatu l-parti l-kbira tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali.

**17**. Ghall-motivi premessi tilqa' in parte biss l-appell tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali u, filwaqt li twarrab id-*decide* tal-ewwel Qorti, tipprovdi hekk dwar it-talbiet tar-rikorrenti appellati:

1. tichad it-talbiet kif migjuba fir-rikors promotorju tal-10 ta' Mejju 2006 in kwantu jirrigwardaw lil Joseph Angilleri;

2. tichad ukoll it-talba ghalbiex din il-Qorti “thassar, tannulla u…tirrendi minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati” tal-20 ta’ Frar 2006 moghtija fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Angileri et” peress li quddiem dik il-Qorti Inferjuri ma sehhet ebda lezjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq kif protett bl-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament;

3. tiddikjara li bid-digrieti tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tas-26 ta’ April 2006 u 3 ta’ Mejju 2006 gie lez id-dritt ta’ smiegh xieraq ta’ Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kif protett bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

4. tiddikjara l-imsemmija zewg digrieti nulli u bla effett u tipprovdi dwar it-tieni talba fir-rikors promotorju tal-10 ta’ Mejju 2006 billi tordna li l-imsemmija Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro ghandhom jibqghu jigu kkunsidrati bhala appellanti (flimkien ma’ Joseph Angilleri) quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-proceduri hemm inizjati permezz tal-appell tat-28 ta’ Frar 2006; u li ghalhekk l-appell tal-appellanti kollha ghandu jkompli jinstema’ fil-meritu u cioe` jinstema’ fir-rigward tal-aggravji imqajma fl-imsemmi rikors ta’ appell, u l-appellanti kollha ghandhom issa jidhru personalment quddiem dik il-Qorti kif irid l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9.

L-ispejjez, kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tmien partijiet minn ghaxra mill-appellati solidament bejniethom u kwantu ghar-rimanenti zewg partijiet mill-appellanti Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali solidament bejniethom. Fl-ahharnett tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lir-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, sabiex tingieb ghall-attenzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------